# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR Dr. Grazio Mercieca LL.D.

**Seduta** ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Novembru, 2001

**Avviz numru : 41/01GT (GM)**

**Joseph Vella (Ginger) Limited .**

**-vs-**

**Mario Muscat, u**
**Muscat Marine Limited .**

**It-Tribunal ;**

**Rat l-avviz fl-ismijiet premessi li permezz tieghu s-socjeta' attrici ippremettiet :**

**Illi hija tiggestixxi negozju ta' bejgh bl-ingrossa minn mahzen li ghandha fi Triq il-Mithna, Victoria, Ghawdex .**

**Illi l-konvenuti xtraw minghandha materjal tal-fiber sabiex jintuza fil-kostruzzjoni ta' dghajjes .**

**Illi ghadu dovut mill-konvenuti s-somma ta' disa' mija u sebgha u disghin lira maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm997.44) ;**

**Illi ghalkemm interpellat diversi drabi l-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu dan il-bilanc .**

**Illi s-socjeta' attrici qed titlob li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Gunju 2001 .**

**Ra r-riferta pozittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut Mario Muscat gie notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fis-6 ta' Novembru, 2001 u dik tal-lum ;**

**Semgha d-depozizzjoni guramentata ta' Joseph Vella rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u li d-debitu huwa dovut biss minghand il-konvenut Mario Muscat personalment .**

**Ghaldaqstant tillibera lis-socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju u, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-konfront tal-konvenut Mario Muscat, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut Mario Muscat ghall-hlas ta' disa' mija u sebgha u disghin lira maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm997.44c), bl-imghax legali mid-data tal-ahhar kunsinna sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali spedita f'Gunju 2001 a karigu tal-konvenut Mario Muscat .**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur .**

**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Deputat Registratur .**
S4101GtGm
324